



**Kunsill
tal-Unjoni Ewropea**

**Brussell, 12 ta' Novembru 2019
(OR. en)**

13343/19

**Fajl Interistituzzjonali:
2019/0206 (NLE)**

**TRANS 495
MAR 160
EU-GNSS 40
AVIATION 201
ESPACE 80
RELEX 952
NIS 11**

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: Protokoll għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Ukrajna sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija, tar-Repubblika tal-Kroazja u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea

PROTOKOLL
GĦALL-FTEHIM TA' KOOPERAZZJONI
DWAR SISTEMA ĊIVILI GLOBALI TA' NAVIGAZZJONI BIS-SATELLITA (GNSS)
BEJN IL-KOMUNITÀ EWROPEA U L ISTATI MEMBRI TAGĦHA
U L-UKRAJNA
SABIEX TITQIES L-ADEŻJONI TAR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,
TAR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA U TAR-RUMANIJA
MAL-UNJONI EWROPEA

L-UNJONI EWROPEA,

u

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA' SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA' ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

IR-REPUBBLIKA TA' MALTA,

IR-RENTU TAN-NETHERLANDS,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-IŻVEZJA,

R-RENJU UNIT TAL-GRAN BRITTANJA U L-IRLANDA TA' FUQ,

minn hawn 'il quddiem imsejħin "l-Istati Membri",

minn naħa waħda, u

L-UKRAJNA,

min-naħa l-oħra,

FILWAQT LI JFAKKRU l-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Ukrajna (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim"), li ġie ffirmat fl-1 ta' Diċembru 2005 u li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Diċembru 2013, u, b'mod partikolari, l-Artikolu 17(3) tiegħu;

FILWAQT LI JIKKUNSIDRAW l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Jannar 2007 u l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea fl-1 ta' Lulju 2013;

XEWQANA li r-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Rumanija jaderixxu għall-Ftehim;

FILWAQT LI JQISU l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija, l-Artikolu 6(2) tal-Att dwar il-kundizzjonijiet tal-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja u l-aġġustamenti għat-trattati li fuqhom tissejjes l-Unjoni Ewropea, irid jintlaħaq qbil dwar l-adeżjoni ta' dawn l-Istati għall-Ftehim permezz tal-konklużjoni ta' protokoll għal dak il-Ftehim,

FTEHMU KIF ĠEJ:

ARTIKOLU 1

Ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Kroazja u r-Rumanija għandhom ikunu Partijiet għall-Ftehim ta' Kooperazzjoni dwar Sistema Ċivili Globali ta' Navigazzjoni bis-Satellita (GNSS) bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha u l-Ukrajna u għandhom jadottaw u jieħdu nota, rispettivament, tat-test tal-Ftehim hekk kif għamlu l-Istati Membri l-oħrajn.

ARTIKOLU 2

Dan il-Protokoll għandu jifforma parti integrali mill-Ftehim.

ARTIKOLU 3

It-testi tal-Ftehim bil-Bulgaru, bil-Kroat u bir-Rumen huma mehmużin ma' dan il-Protokoll.

ARTIKOLU 4

Dan il-Protokoll għandu jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara d-data li fiha l-Partijiet ikunu għarrfu lid-Depożitarju tal-Ftehim, permezz ta' noti diplomatiċi, li jkunu lestew il-proċeduri legali interni rispettivi tagħhom għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-Protokoll.

B'XHIEDA TA' DAN, il-firmatarji ta' hawn taħt, awtorizzati li jagħmlu dan, iffirmaw dan il-Protokoll.

MAGĦMUL f'żewġ kopji bil-Bulgaru, biċ-Ċek, biċ-Daniż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ingliš, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż, bil-Kroat, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bl-Olandiż, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bit-Taljan, bl-Ungeriż, u bl-Ukren, b'kull test ugwalment awtentiku.

Għall-Unjoni Ewropea

Għall-Istati Membri

Għall-Ukrajna